



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0455/2023**

6.11.2023

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-effikaċja tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja  
(2023/2905(RSP))

**Michael Gahler, Andrius Kubilius, Rasa Juknevičienė, Traian Băsescu,  
Isabel Wiseler-Lima, Andrzej Halicki, Andrey Kovatchev, Radosław  
Sikorski, Vladimír Bilčík, Janina Ochojska, Sara Skyttedal, Henna  
Virkkunen, Arba Kokalari, Alexander Alexandrov Yordanov, Eugen  
Tomac**  
f'isem il-Grupp PPE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-effikaċja tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja  
(2023/2905(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi wara l-invażjoni tar-Russja fuq skala sħiħa tal-Ukrajna, l-UE u l-G7 bdew jimplimentaw tliet kategoriji ta' sanzjonijiet kontra r-Russja: (a) embargo fuq l-esportazzjonijiet ta' prodotti Russi sabiex jitnaqqas id-dħul li r-Russja qed tuża biex tiffinanzja l-magna tal-gwerra tagħha; (b) embargo fuq l-esportazzjonijiet ta' prodotti tat-teknoloġija avvanzata tal-UE sabiex ir-Russja ma tkunx tista' tipproducி tagħmir militari ġdid ibbażat fuq teknoloġiji moderni; u (c) sanzjonijiet individwali fuq l-oligarki u fuq sħab ta' ġewwa oħra tar-reġim ta' Putin għall-appoġġ tal-gwerra ta' aggressjoni;
- B. billi fl-2022, is-sehem tad-dħul mill-esportazzjonijiet tar-riżorsi tal-enerġija ammonta għal terz tal-introjtu totali fil-baġit tal-Federazzjoni Russa;
- C. billi sa mill-bidu tal-gwerra, ir-Russja kisbet EUR 532 000 000 000 fi dħul mill-esportazzjonijiet tal-fjuwils fossili, li minnhom ix-xiri tal-Istati Membri tal-UE kien jammonta għal aktar minn EUR 178 000 000 000<sup>1</sup>; billi fl-2022 biss, id-dħul mir-riżorsi tal-enerġija Russi ammonta għal USD 321 000 000 000; billi d-dħul mill-esportazzjonijiet Russi taż-żejt grezz u tal-prodotti taż-żejt jikkostitwixxu l-ogħla sehem ta' introjtu fil-Federazzjoni Russa;
- D. billi l-Kunsill diġà adotta 11-il pakkett ta' miżuri restrittivi ekonomiċi u individwali kontra r-Russja li jinkludu wkoll ċerti miżuri fis-settur tal-enerġija, li jkopru, pereżempju, oġġetti speċifiċi u t-teknoloġija meħtieġa għar-raffin tar-ż-żejt, it-tagħmir tal-industrija tal-enerġija, it-teknoloġija u s-servizzi, żejt grezz u prodotti tal-petroleum raffinat, u l-faħam u fjuwils fossili solidi oħrajn;
- E. billi l-Istati Membri tal-UE, flimkien mal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet, introduċew limiti massimi tal-prezzijiet taż-żejt grezz li jinġarr bil-baħar, taż-żjut tal-petroleum u taż-żjut miksuba minn minerali bituminużi li joriġinaw mir-Russja jew li huma esportati minnha; billi jistabbilixxu dawn il-limiti massimi tal-prezzijiet għal USD 60 għal kull barmil għaż-żejt grezz, USD 45 għal kull barmil għall-prodotti tal-petroleum bi skont u USD 100 għal kull barmil għall-prodotti primjum tal-petroleum;
- F. billi diversi studji<sup>2</sup> jistmaw li l-kostijiet tal-produzzjoni għaż-żejt grezz Russu għal kull

<sup>1</sup> <https://www.russiafossiltracker.com/>.

<sup>2</sup> <https://cepr.org/voxeu/columns/design-and-implementation-price-cap-russian-oil>; <https://discovery.ucl.ac.uk/id/eprint/10174498/>; <https://www.bruegel.org/analysis/how-much-will-eu-pay-russia->

barmil huma madwar USD 15 u għad-diżil USD 20; billi, għalhekk, il-limiti massimi attwali tal-prezzijiet għadhom jippermettu profitti sinifikanti għar-reġim ta' Putin u t-tnejjix tal-limiti massimu tal-prezz għaż-żejt għal USD 30 xorta mhux se jaffettwa b'mod negattiv il-volum tal-produzzjoni;

- G. billi skont id-data tal-esperti<sup>3</sup>, tnaqqis ta' USD 1 għal kull barmil fil-prezz taż-żejt Russu huwa ekwivalenti għal USD 2,700 000 000 fi qligħ annwali mnaqqas fuq l-esportazzjoni; billi fi Frar 2023, l-impatt tal-embargo fuq iż-żejt u tal-limiti massimu tal-prezz tal-UE fuq ir-Russja wassal biex ir-Russja titlef EUR 220 000 000 kuljum fi qligħ mill-esportazzjoni tal-enerġija;
- H. billi t-tressiq tal-limiti massimu tal-prezz eqreb lejn il-kostijiet tal-produzzjoni fir-Russja jista' jnaqqas il-profitti tal-esportazzjoni Russi b'aktar minn EUR 100 000 000 kuljum;
- I. billi s-sanzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet tar-riżorsi tal-enerġija Russi qed ikollhom impatt qawwi fuq id-dħul mill-Istat Russu; billi, wara l-introduzzjoni tal-limiti massimu tal-prezz, l-introjtu tar-Russja mill-esportazzjoni tar-riżorsi tal-enerġija naqas kważi binnofs f'Diċembru 2022 meta mqabbel mal-livelli ta' qabel il-gwerra;
- J. billi d-defiċit baġitarju tar-Russja fl-2022 (2,3 % tal-prodott domestiku gross, jew tal-PDG) kien kważi tliet darbiet aktar mill-aspettattivi ta' qabel il-gwerra minħabba l-introduzzjoni tal-limiti massimu tal-prezz u s-sanzjonijiet tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija mir-Russja;
- K. billi ġerti Stati Membri tal-UE taw derogi temporanji għall-importazzjoni ta' żejt grezz li jinġarr bil-baħar Russu u ta' żejt tal-gass tal-vakwu;
- L. billi l-Federazzjoni Russa għadha tibbenefika mill-esportazzjoni ta' oġġetti mhux sanzjonati u permezz ta' mezzi mhux sanzjonati; billi minn Awwissu 2023, kien evidenti li r-Russja qed issib modi ġoddha biex tevita l-limiti massimu tal-prezz fuq is-sanzjonijiet taż-żejt u l-prezzijiet taż-żejt Russu fis-swieq globali bdew jiżdiedu;
- M. billi r-Russja għadha qed tagħmel madwar EUR 690 000 000 kuljum mill-esportazzjonijiet tagħha tal-fjuwils fossili (data minn Awwissu 2023); billi l-UE għadha qed tibgħat EUR 2 000 000 000 fix-xahar lir-Russja għall-fjuwils fossili;
- N. billi, minħabba l-kontinwazzjoni tal-importazzjonijiet tal-gass bil-pipeline u tal-gass naturali likwifikat (LNG), kif ukoll minħabba diversi eċċeżżjonijiet għall-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni taż-żejt grezz u tal-prodotti taż-żejt, l-UE għadha wieħed mill-akbar klijenti tar-Russja għall-fjuwils fossili;
- O. billi l-Ungjerja, il-Bulgarija, is-Slovakkja, iċ-Ċekja u Spanja kienu l-akbar importaturi tal-UE tal-fjuwils fossili Russi minn Lulju 2023, li fil-biċċa l-kbira jimportaw iż-żejt grezz permezz ta' pipeline, LNG u gass bil-pipeline mir-Russja;

---

[fossil-fuels-over-next-12-months.](#)

<sup>3</sup> <https://energyandcleanair.org/july-2023-monthly-snapshot-on-russian-fossil-fuel-exports-and-sanctions/>;  
<https://www.iea.org/articles/frequently-asked-questions-on-energy-security>;  
<https://www.bruegel.org/comment/eu-without-russian-oil-and-gas>.

- P. billi minkejja s-sanzjonijiet, ir-Russja żiedet il-provvisti tal-LNG lejn l-Ewropa; billi fl-ewwel nofs tal-2023 l-importazzjonijiet Russi tal-LNG lejn l-UE kieni fl-ogħla livell tagħhom għal dawn l-aħħar tliet snin;
  - Q. billi l-fornitur ewljeni tal-LNG Russu huwa l-kumpanija privata Novatek, propjetà ta' oligarki Russi qrib ta' Vladimir Putin; billi Novatek bħalissa qed timplimenta l-proġett tal-LNG Arctic-2, li għandu l-għan li jżid b'mod sinifikanti l-bejgħ tal-LNG Russu lejn swieq internazzjonali u jista' jirdoppja l-kapaċità tal-esportazzjoni tal-kumpanija;
  - R. billi l-bastimenti tal-UE ttrasportaw l-ogħla proporzjon ta' żejt grezz Russu kemm fl-2022 kif ukoll fl-2023;
  - S. billi l-produzzjoni Ewropea tal-aluminju ma għadhiex kompetittiva parżjalment minħabba l-prezzijiet għoljin tal-enerġija u minħabba li parti mis-sehem mis-suq ittieħdet mill-produtturi tal-aluminju Russi;
  - T. billi Rosatom u s-settur tal-enerġija nukleari Russu għadhom mhumiex inklużi fil-pakketti ta' sanzjonijiet minkejja ksur ċar u fit-tul tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari fl-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta' Zaporizhzhia; billi Rosatom, permezz tas-sussidjarji tagħha, ġie osservat li pprovdi importazzjonijiet kritiċi ta' teknoloġiji u materjali lill-kumpless militari-industrijali Russu; billi Rosatom żammet l-istatus quo mal-kumpaniji teknoloġiċi nukleari Ewropej u għalhekk se tkompli tipprovd i-l-liċenzja tagħha għall-produtturi tal-fjuwil tal-VVER-1000; billi matul l-2022 u l-2023, l-UE u l-Istati Membri tagħha għamlu progress sinifikanti fit-tnaqqis tad-dipendenza tagħhom mill-industria nukleari Russa u l-UE issa tinsab, għalhekk, f'pożizzjoni ħafna aħjar biex tadotta sanzjonijiet kontra Rosatom;
  - U. billi hemm evidenza kbira<sup>4</sup> li l-Federazzjoni Russa qed tfitħex li tevita s-sanzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti ta' teknoloġija avvanzata u b'użu doppju permezz ta' pajjiżi terzi; billi dawn il-pajjiżi terzi żiedu sostanzjalment il-livelli tal-esportazzjoni tal-istess prodotti tal-UE lejn ir-Russja mill-introduzzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja;
  - V. billi f'Diċembru 2022, l-UE ħatret lis-Sur David O'Sullivan bħala Mibgħut Speċjali Internazzjonali għall-Implimentazzjoni tas-Sanzjonijiet tal-UE;
  - W. billi fl-2024 ir-Russja ħabbret li l-baġit tagħha għad-difiża se jiżdied bi kważi 70 % u se jilħaq EUR 107 000 000 000, jew b'6 % tal-PDG (żieda minn EUR 63 000 000 000, jew bi 3,9 % tal-PDG, fl-2023).
1. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jimxu 'l quddiem bl-approfondiment, bit-tiġi u bit-tkabbir tal-ambitu tal-politika tas-sanzjonijiet tal-UE sabiex tkompli titnaqqas il-kapaċità tar-Russja li tiffinanzja l-isforzi ta' gwerra tagħha u tuża t-teknoloġiji tal-Punent biex tiproduċi l-armi;
  2. Jitlob lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet ikomplu jnaqqsu l-limitu massimu tal-prezz taż-żejt grezz mill-prezz attwali

<sup>4</sup> [“Päckchen für Putin”, Der Spiegel, Nru 21 / 20.5.2023](#) (artikolu bil-Ġermaniż).

ta' USD 60 għal kull barmil għal USD 30 għal kull barmil;

3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jinvestigaw il-possibbiltà li jiġi impost embargo fuq l-importazzjonijiet Russi tal-gass tal-petroleum likwifikat u tal-LNG Russu lejn l-Unjoni Ewropea, u, sakemm issir din l-investigazzjoni, jikkunsidraw li jwaqqfu l-importazzjonijiet Russi tal-LNG lejn Stati Membri individwali;
4. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lill-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet jintroduċi limitu massimu tal-prezz fuq l-esportazzjonijiet Russi tal-fertilizzanti tan-nitrogħu;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tiproponi mekkaniżmu ta' restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwil jekk il-fjuwils jiġu prodotti minn pajjiżi terzi li jużaw iż-żejt Russu;
6. Jistieden lill-pajjiżi tal-Koalizzjoni għal-Limitu Massimu tal-Prezzijiet jipprobjeb ix-xbiex t-taħbi u mill-ilmijiet territorjali tagħhom u miż-żoni ekonomiċi eskużivi;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi sanzjonijiet fuq kumpaniji Russi u internazzjonali li jipparteċipaw fil-kostruzzjoni tat-terminal tal-LNG Arctic-2 fir-Russja;
8. Jitlob lill-UE tintroduċi kontrolli ta' verifika regolari fuq vjeġġi ddikjarati li ma jkunux ta' oriġini Russa permezz tal-firma kimika taż-żejt; jinnota li l-vjeġġi taż-żejt grezz li ma jipprovd analiżi jiet jew jipparteċipaw fis-sistema ta' verifika huma awtomatikament ittrattati bħala żejt Russu, iridu jinbiegħu f'konformità mal-limitu massimu tal-prezz (taħt il-prezzijiet tas-suq) u ma jistgħux jiġi fornuti lis-swieq tal-Punent;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tiproponi restrizzjoni fuq is-servizzi tat-tankers u embargo fuq il-bejgħ ta' tankers lir-Russja, kif ukoll restrizzjoni fuq is-servizzi ta' assigurazzjoni Ewropej għat-tankers, jekk dawn jintużaw biex jiġi esportat iż-żejt Russu;
10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lil istituzzjonijiet oħra tal-UE jintroduċi sorveljanza msaħħha u ċentralizzata fil-livell tal-UE tal-implementazzjoni tas-sanzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet tar-riżorsi tal-enerġija Russi, li tipprevjeni lir-Russja milli tfittex u tiskopri modi ġodda biex tevita s-sanzjonijiet;
11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni testendi s-sanzjonijiet kontra r-Russja fuq l-aluminju; iheġġi għażiex wkoll teżamina liema tip ieħor ta' prodotti jista' jkun soġġett għal sehem akbar mis-suq mill-produtturi Russi u tieħu azzjoni xierqa;
12. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jintroduċi sanzjonijiet kontra Rosatom, it-tmexxija u s-sussidjarji tagħha, u għalhekk jillimitaw il-possibbiltà ta' kooperazzjoni għal dik strettament meħtieġa għas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom jirrieżaminaw il-kooperazzjoni attwali ma' Rosatom u jipprovd appoġġ għas-sostituzzjoni tal-fjuwil, tal-ispare parts u tas-servizzi Russi b'alternattivi possibbli, filwaqt li titqies l-esperjenza ta' succcess tal-Ukrajna;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-introduzzjoni ta' projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' fjuwil nukleari Russu bħall-uranju u fuq l-Istati Membri tal-UE li jikkooperaw mar-Russja dwar it-teknoloġija nukleari, inkluż dwar it-teknoloġiji tar-riċiklaġġ u tar-riproċessar meħtieġa fl-impjanti tal-enerġija nukleari;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu aktar sforzi biex iwaqqfu l-evażjoni tas-sanzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet lejn ir-Russja ta' oġġetti ta' teknoloġija avvanzata u b'użu doppju prodotti fl-UE;
16. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintroduċu sanzjonijiet simili fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti lejn il-Belarussja u jwissu lill-pajjiżi terzi dwar il-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet fuqhom jekk ma jiqfux jipprovdu servizzi għat-tranżitu ta' oġġetti sanzjonati mill-UE lejn ir-Russja;
17. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintroduċu dispożizzjonijiet ġodda għall-kumpaniji involuti fl-evażjoni tas-sanzjonijiet tal-UE li jeskludu lil dawn il-kumpaniji milli jipparteċipaw fl-implimentazzjoni tal-proġetti tal-Faċilità għall-Ukrajna għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna;
18. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-istabbiliment ta' pożizzjoni politika ta' Kummissarju għas-Sanzjonijiet, li tgħin biex tiġi kkoordinata aħjar l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar is-sanzjonijiet;
19. Iħeġġeġ lill-Kunsill jespandi l-lista ta' sanzjonijiet tiegħu biex jinkludi lill-Patrijarka Kirill, Vassily Nebenzia, ir-Rappreżentant Permanenti tal-Federazzjoni Russa għan-Nazzjonijiet Uniti, Dmitry Polyanskiy, l-Ewwel Viċi Rappreżentant Permanenti tal-Federazzjoni Russa għan-Nazzjonijiet Uniti, Sergey Karaganov, il-President tal-bord editorjali tal-Kunsill għall-Politika Barranija u ta' Difiża, u Dmitry Trenin, professur tar-riċerka fil-Fakultà tal-Ekonomija Dinjija u tal-Politika Dinjija, l-Iskola Superjuri tal-Università tar-riċerka Nazzjonali tal-Ekonomija, li jinsabu fuq quddiem nett fit-tixrid tad-diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għamlu appelli miftuħa lir-Russja biex twettaq attakki nukleari fuq il-pajjiżi membri tan-NATO;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-pajjiżi tal-G7.